MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 360/2013

Appell Nru: 360/2013

Il-Pulizija

[Spettur Johann Fenech]

Vs

James Tabone

Illum, 26 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, James Tabone, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 180283M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Marzu, 2008, u fl-ahhar tlitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina psikotropika u ristretta (escasty) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal- Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendatdi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanza tali assocjazzjoni;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (escasty) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli kkommetta reati li ghalihom hemm il- piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr J Padovani LL.D., nhar l-14 ta' Frar, 2007 u aktar talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta), Magt Dr J Padovani LL.D. nhar l-14 ta' Frar, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fid-9 ta' Lulju, 2013, fejn il-Qorti, sabet htija wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Avviz Legali 22/1985, u wkoll Legislazzjoni Sussidarja 31.18 (Reg 5), Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif iddikkjara l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu.

Dwar il-piena, rat li moghti cans tramite l-applikazzjoni ta' sentenza sospiza ma gharafx dak iz-zmien jiehu l- opportunita', ghalkemm illum jidher skont ix-xhieda ta' Mike Orland li rriforma ruhu; Ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-

Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, mhix ser tordna li s-sentenza sospiza tidhol in effett; Qieghda pero fuq ir-reati li ghalihom gie issa kkundannat taht il-Kapitolu 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs; u ghal multa ta' €5,000.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu ghal hlas ta' € 725.67 bhala spejjez peritali.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga kollha maqbuda u lilha ezebita bin-numru SB326.2009 u in kwantu hekk ikkomunikat din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

Ordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' €730 lilha ezebita bin-numru SB138.2009.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi James Tabone, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tvarja s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-imputazzjoni mmarkata 5, thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-imputazzjonijiet mmarkati 1, 2, 3, u 4 u konsegwentement minnhom tilliberah, u fin-nuqqas, tirriforma sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn saibthu hati tal-imputazzjonijiet immarkati 1, 2, 3, u 4, u fejn illiberatu mill-imputazzjoniji mmarkata 5, u tbiddilha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' sentejn u nofs priġunerija effettivi u multa ta' EUR 5000, u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneju fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament jinghad illi l-esponent ma seta' qatt jinstab hati tar-reati adebiti u dan peress illi l-unika prova li pproduciet il-prosekuzzjoni bhala ness bejn is-sejbien ta' droga u l-imputat innifsu kienet propju l-istqarrija tieghu.

Illi ghalhekk id-difiza qieghdda tissollecita lill din l-Onorabbli Qorti tiskarta din l-istess stqarrija u dana peress li l-istess ittiehdet minghajr ma l-akkuzat inghata l-

opportunita' jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, qabel ma rrilaxxa l-istqarrija inkriminanti tieghu.

Illi ghandu jinghad li din il-materja kienet ġiet ormai kristallizzata permezz ta' numru ta' sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem li kienu jhallu ftit li xejn lok ghal-interpretazzjoni fost dawn is-sentenzi insemmu *Salduz vs Turkey* applikazzjoni numru 3639/02 deciza fis-27 ta' Novembru, 2008, *Panovitis vs Cyprus* applikazzjoni numru 4268/04 deciza fil-11 ta' Frar, 2009, *Polonka vs Poland* applikazzjoni numru20310/02 deczia fit-30 ta' Gunju, 2009.

Illi in effetti tant kienet cara l-kwistjoni illi l-Qorti Kostituzzjonali segwiet l-insenjament ta' dawk is-sentnezi f'numru ta' kawżi. Illi f'dan ir-rigward l-esponent jirriferixxi ghas-sentenza *Il-Pulizija vs Esron Pullicino* deċiża fit-12 ta' April, 2011, *Il-Pulizija vs Mark Lombardi* deċiża fl-istess data, u *Il-Pulizija vs Alvin Privitera* deċiża fil-11 ta' April, 2013.

Illi f'dawn is-sentenzi kollha gie deċiż b'mod inekwivoku li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju hu leziv tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

Illi mankanti l-prova tl-istqarrija ma hemm xejn li jorbot lill-appellant mas-sejbien tad-droga in kwistjoni. Fil-fatt jinghad li fl-assenza ta' din l-istqarrija, kien hemm altro che dubju dwar lil min kienu jappartjenu l-pilloli li nstabu fir-residenza fejn dak iz-zmien kien jghix l-esponent.

Illi f'dan is-sens jinghad li fid-dar imsemmija kienu jghixu numru ta' persuni ohrajn, membri tal-familja tieghu u l-gharajjes taghhom, u li ghalhekk kien imbghad jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib il-prova dwar ta' min setghu kienu l-pilloli in kwistjoni.

Illi gha-ragunijiet hawn fuq premessi din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra l-liberatorja tal-appellant, stante li l-unika prova inkriminanti fir-rigward tas-sejbien tad-droga imsemmija, u n-ness taghha mal-imputat hija l-istqarrija tieghu mehuda kontra l-principji enuncjati mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi precitati.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena, li fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, l-appellant umilment jissottometti li kienet wahda eċċessiva.

Illi ghad li huwa minnu li l-esponent ghadda minn perjodu xejn feliċi f'hajtu, fejn kien ghal-kollox mahkum mill-vizzju tad-droga, illum huwa bniedem kompletament riformat u sahansitra qieghed jghin lil haddiehor johrog mill-istess vizzju li llum huwa xi haġa tal-passat tal-hajja tieghu.

Illi tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri ta' riabilitazzjoni mill-vizzu tad-droga mal-Oasi, u dan ghamlu b'success.

Illi aktar minn hekk, l-esponent ghadu sal-gurnata tal-llum jaghti urine samples minn jeddu lis-Sedqa, u dwar dan kollu xehed is-Sur Mike Orland quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkonferma dan kollu, u li lest jerga' jixhed quddiem din l-onorabbli Qorti

sabiex jirrapporta anke dwar it-triq li l-esponent qabad, u li huwa determinat li jibqa' fiha.

Illi ghalhekk jidher li l-esponenti tghallem mill-izbalji passati tieghu u llum gharaf jistrada hajtu ahjar, qieghed jghix hajja ta' awtodixxiplina, u li gharaf jinvesti l-hin u l-energija tieghu fil-familja illi huwa llum ghandu. Fil-fatt ghandu jinghad li l-esponent ilu ghal dawn l-ahhar tliet snin f'relazzjoni stabbli, ghandu tarbija ta' sentejn, u li llum l-istess tfajla tal-imputat hija tqila bit-tieni tarbija taghhom.

Illi f'dan is-sens jinghad li l-esponent sab ċertu konfort f'din ir-relazzjoni li ghenithu sabiex johrog mill-problemi illi huwa kellu. Fil-fat l-appellant u t-tfajla tieghu kienu t-tnejn jiddependu mid-droga, iżda ghenu lil xulxin sabiex johorgu minnha, u johorgu minnha b'success.

Illi l-esponent mhux talli rriforma ruhu, talli gharaf jirrifroma wkoll lit-tfajla illi huwa ghandu.

Illi dwar dan naturalment hija lesta tixhed sabiex jinġieb a konjizzjoni ta' din l-onorabbli Qorti l-progress u l-kambjament fic-cirkosatanzi li sar tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk it-totalita tac-cirkostanzi huma tali li juru li lill-esponent infethitlu 'a window of opportunity'.

Illi ċertament dan il-kambjament drastika ghandu jiġi kkonsolidat, u kkunsidrat b'mod favorevoli minn dawn il-Qrati fl-ghoti tal-piena li ghandha tkun tirrifletti dan kollu.

Illi dwar il-progress kollu li sar fil-hajja tieghu, l-esponent jixtieq ukoll illi tixhed l-ufficjal tal-Probation tieghu, is-sinjur Mary Rose Farrugia.

Illi l-esponent illum jahdem bhala Shutter Installer mas-socjeta Carmelo Mamo Limited fejn ghandu jinghad illi l-appellant Tabone sab min jilqghu b'idejh miftuha u jaċċetta l-passat tieghu, u dan indubbjament ghen lill-esponent billi inkoraggieh jibqa' miexi fit-triq ta' konformita' illi huwa dak iz-zmien kien qieghed jaqbad.

Illi ghalhekk l-appellant qieghed ukoll jitlob illi jisr Social Inquiry Report sabiex jiġi vverifikat li huwa hareg ghal-kollox mill-vizzju tad-droga li oskuralu hajtu ghal numru ta' snin, illi huwa qieghed jahdem sabiex ikun jista' jipprovdi ghat-tfajla u ghat-tarbija tieghu, u li huwa llum persuna riformata, pjenament integrata fis-socjeta'.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghamel numru ta' snin ibaghti mill-problema tal-vizzju tad-drogi u problemi ohra li jgibu maghha din id-dipendenza. F'xi zmien qabel is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tal-elfejn u tmienja (2008) il-pulizija ghamlet tfittxija gewwa r-residenza tal-appellant il-Hamrun. Minn hemmhekk gew elevati wiehed

punt tnejn tnejn grammi (1.22 grs) raza tal-kannabis kif ukoll mitejn u tnejn u hamsin (252) pilloli extacy. Il-pulizija ressqet lill-appellant il-Qorti u b'sentenza tad-disgha (9) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 29 tal-Kap 101 kif ukoll il-fatt illi jidher illi l-appellant irriforma ruhu, ikkundannatu ghall-perjodu ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u ikkundannatu jhallas multa ta' hamest elef ewro (€ 5,000) oltre s-somma ta' seba' mija hamsa u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€ 725.67c) ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-piena inflitta fuqu kienet eccessiva. Ma sarx appell mill-meritu. L-appellant argumenta illi veru illi kien hemm perjodu f'hajtu illi kien skur però llum huwa persuna totalment differenti, ghandu familja b'zewgt itfal. Forsi huwa l-kaz illi dan il-window of opportunity illi nfetah ma jinghalaqx u sabiex l-appellant ikompli juri dak il-progress illi s'issa wera. Argumenta wkoll illi l-izbal illi ghamel meta kellu hamsa u ghoxrin (25) sena m'ghandux isegwih tul hajtu kollha u jbaghtu mieghu t-tfal.

F'din il-kawza xehedet il-probation officer Mary Rose Farrugia illi qalet illi ilha ssegwi lill-appellant mill-elfejn u sebgha (2007) fejn mar Sedqa u minn hemmhekk dahal OASI. Dejjem zamm kuntatt mas-Sedqa. L-ahhar tlett kampjuni ghall-ezami ta' sustanzi psikotropici kienu negattivi u qed jaghmel l-almu tieghu biex jahdem u fil-fatt ghandu xoghol full time, ikkopera maghha u ghandha feedback pozittiv hafna.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tiehu gost hafna tisma' xhieda bhal din fejn persuna illi fil-passat kien mahkum mill-vizzju tad-droga jirriforma ruhu u jkun cittadin onest b'responsabiltajiet civili u jintegra ruhu mas-socjetà. Veru illi fil-passat l-appellant ma tantx wera ottimizju ghall-fiducja li l-Qorti riedet turi fih u nonostante l-hafna opportunitajiet dejjem rega' waqa'. Però, b'daqshekk ma jfissirx li din id-darba, forsi b'cans ta' tama, l-appellant jista' jibqa' f'din it-triq illi qabad u kif ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-"Pulizija vs Ritmar Hatery u Justin Farrugia" tad-9 ta' Ottubru 2008 "anke fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-

persuna ‘a window of opportunity’ li permezz taghha jkun jista’ jinkiser il-cirku ta’ kundanni u prigunerija.” L-ewwel Qorti ukoll kellha quddiemha din is-sitwazzjoni kif irrimarkat fis-sentenza taghha u ma ordnatx li s-sentenza sospiza tidhol in effett kif kellha dritt illi taghmel.

Din il-Qorti tirrileva illi l-appellant instab hati ta’ traffikar kif hu stess ammetta fl-istqarrija illi l-pilloli extacy kien se jghaddihom lil haddiehor fejn allura l-ligi tiprojbixxi illi jinghataw xi forma ta’ pieni jekk mhux dik karcerarja u sewwa ghamlet il-Qorti meta imponiet piena ta’ prigunerija effettiva illi kienet fil-parametri tal-ligi. Izda forsi huwa l-kaz illi din il-Qorti tirrivedi din il-piena biex tirrifletti l-progress illi l-appellant qed jghid illi ghamel f’hajtu. Però ma tistax tnehhi ghal kollox il-piena ta’ prigunerija imposta mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk il-Qorti tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu sabet illi l-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok sentejn u nofs prigunerija, tikkundanna lill-appellant ghal piena ta’ prigunerija ta’ tmintax-il (18) xahar, oltre l-multa ta’ hamest elef ewro (€ 5,000) oltre s-somma ta’ seba’ mija hamsa u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu (€ 725.67c) bhala spejjez peritali in konnessjoni mal-artikolu 533 tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------